VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,369, 18 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 80 tal-2020

ATT DWAR SERVIZZI TAL-IVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivjaġġar u Arranġamenti tal-Ivjaġġar Marbuta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru responsabbli għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivjaġġar u Arranġamenti tal-Ivjaġġar Marbuta, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivjaġġar u Arranġamenti tal-Ivjaġġar Marbuta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 409.19.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (4) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied il-proviso kif ġej:

"Iżda wkoll il-limitu ta' 14-il jum skont dan ir-subregolament ma japplikax għal rifużjoni meħtieġa riżultat ta' terminazzjoni tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar skont is-subregolamenti (2) u (3) meta tali terminazzjoni seħħet jew isseħħ bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Mejju 2020 (iż-żewġ dati inklużi), liema rifużjoni għandha tiġi mħallsa mill-organizzatur sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara li l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar ikun ġie terminat.".